Nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju ġiet organizzata attivita` fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ San Injazju ġewwa Ħal Qormi. Matul din l-attivita` , iż-żewġ għalliema tal-Ġermaniż fi ħdan din l-iskola flimkien ma' ħdax-il għalliema oħra ta' suġġetti varji u għaxar studenti tal-Ġermaniż, tal-Ospitalita`u kif ukoll tar-Retail ippreparaw u biegħu l-Currywurst. Din hija riċetta tipika Ġermaniża u li tintogħġob minn ħafna. Din l-attivita`serviet ukoll biex jingħaqdu flimkien suġġetti varji; f'dan il-każ il-Ġermaniż mas-suġġetti vokazzjonali. Filfatt, l-istudenti tal-Ġermaniż kellhom l-opportunita' li jsajru z-zalza tal-Currywurst f'waħda mill-kmamar apposta li saru għat-tagħlim tal-Ospitalita`u kif ukoll studenti tal-Ospitalita`u tar-Retail kellhom l-opportunita' li jgħinu fil-preparamenti u fil-bejgħ rispettivament. Apparti minn hekk, il-qligħ li sar minn din l-attivita`ġie mogħti lill-Ħandaq Foundation li hija organizzazzjoni li tgħin lill-istudenti fil-bżonn.